MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 268/2005/1

**Josephine Scicluna**
***versus***
**Gregory *sive* Godwin Scicluna**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illi ippronunzjat il-firda personali bejn il-partijiet minħabba ħtijiet, fosthom adulterju, tal-konvenut, assenjat lill-attriċi l-jedd li tgħix fid-dar matrimonjali, li għandha tibqa’ komuni, b’dan iżda illi ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut, applikat kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-artt. 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili u iddisponiet dwar ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

2. Dwar il-komunjoni tal-akkwisti l-ewwel qorti iddisponiet hekk:

«PROPRJETÀ – Beni immobbli;

«Il-partijiet għandhom żewġ proprjetajiet immobbli. Id-dar konjugali, mixtrija fiż-żwieġ fl-1978 u stmata *ex parte* mill-Perit Pierre Poulton mija u tmienja u għoxrin elf, mija u ħmistax-il euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€128,115.54) u biċċa art akkwistata fl-1998 stmata tliet mija u erbatax-il elf, erba' mija u ħamsa u sittin euro (€314,465) mill-istess perit permezz ta' nota preżentata fil-5 ta' Mejju 2009. Ma hemmx dubju li din l-aħħar proprjetà għandha tinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. L-uniku punt li dwaru l-qorti ma taqbilx mar-relazzjoni tal-perit legali hija fejn dan issuġġerixxa li l-attriċi tieħu tliet kwarti mir-rikavat. Il-qorti ma ssib ebda raġuni legali għal dan, għalkemm huwa minnu li fattwalment l-konvenut jaħti għat-tifrik fiż-żwieġ. Mill-bqija taqbel li l-attriċi għandha tiġi assenjata d-dritt li tibqa' tabita fid-dar matrinonjali *vita durante*, *purchè* li din tibqa' proprjetà in komuni tal-partijiet. Dan salv xi azzjoni li jista' jkun hemm spettanti lill-attriċi fir-rigward.

«PROPRJETÀ – Beni mobbli;

«Illi l-qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali illi l-mobbli kollha fid-dar huma tal-attriċi *eccetto* l-*bar* u *wall unit*. Għalhekk il-konvenut għandu jieħu dawn l-oġġetti.

«Illi l-partijiet ma ressqux provi dwar xi kontijiet bankarji u għalhekk huwa probabbli li ma għandhom xejn. Madankollu f'każ li hemm, biex jiġu evitati proċeduri oħra, il-qorti se tordna li dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

«DEĊIŻJONI

«Il-qorti għalhekk għal dawn il-motivi qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:

«1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort tal-konvenut u tawtorizzahom jgħixu separatament;

«… … …

«4. Tilqa' r-raba' talba u għalhekk filwaqt li tassenja lill-attriċi d-dritt illi tabita esklussivament fid-dar matrimonjali … … … tordna lill-konvenut biex jiżgombra mill-istess fond fi żmien xahar;

«5. Tilqa’ l-ħames talba [“Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet tiegħu skond l-artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta *in toto* jew *in parte*”];
«6. Tilqa’ s-sitt talba u tordna li l-art … … … mixtrija fis-26 ta’ Awissu 1998 kif indikata fl-istess kuntratt ta’ dik id-data pubblikat minn Nutar Mario Bugeja tinbigħ taħt l-awtorità tal-qorti a bażi tal-prezz ta’ tliet mija u erbatax-il elf, erba’ mija u ħamsa u sittin euro (€314,565) fuq imsemmi u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn iż-żewġ partijiet; f’każ li l-partijiet għandhom f’isimhom rispettiv jew bħala *joint accounts* f’banek u istituzzjonijiet finanzjarji dawn ukoll għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.
«… … …
«L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenut.»

3. Mis-sentenza appellaw kemm il-konvenut u kemm l-attriċi b’appell inċidentali. L-appell tal-konvenut ġie dikjarat deżert fis-27 ta’ Ġunju 2011. L-attriċi qiegħda titlob ir-riforma tas-sentenza billi jiġu konfermati l-kapi kollha ħlief is-sitt wieħed. It-talba tagħha hija illi din il-qorti:

«tikkonferma s-sitt kap *in parte* in kwantu l-art mixtrija fis-26 ta’ Awissu 1998 kif indikata fl-istess kuntratt ta’ dik id-data pubblikat min-Nutar Mario Bugeja tinbigh bl-irkant taħt l-awtorità tal-qorti kif spjegat fl-istess sentenza, u tvarja l-istess kap billi tassenja lill-attrici appellata s-sehem sħiħ tad-dar matrimonjali, u tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relativ u kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess, u tassenja lill-istess attriċi s-sehem sħiħ minn kwalunkwe *accounts* f’banek jew istituzzjonijiet finanzjarji intestati f'isem l-istess attriċi.»

4. L-aggravju tal-attriċi essenzjalment huwa illi għalkemm l-ewwel qorti sabet illi ż-żwieġ tfarrak għal raġunijiet li għalihom jaħti l-konvenut, fosthom adulterju, u għalhekk iddikjarat id-dekadenza tiegħu mill-jeddijiet imsemmija fl-art. 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili, madankollu ordnat illi l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu f’ishma ndaqs.

5. L-aggravju fejn jolqot id-dar matrimonjali fissritu hekk:

«Illi mix-xiehda prodotta jirriżulta li d-dar matrimonjali ġiet akkwistata permezz ta’ kuntratt ta’ “bejgħ” fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia datat sebgħa (7) ta’ Jannar 1978, u

dan l-akkwist sar mingħand missier l-attrici appellata Carmelo Magro u kien ġie hemm deskritt bħala*"fond urban terran bl-arja tiegħu bla numru bl-isem "20th June" fi Strickland Street, Żabbar",* liema bejgħ kien intenzjonat li jsir bħala donazzjoni mill-missier għall-bint f'sehem sħiħ iżda minflok fuq parir ħażin tan-nutar konċernat il-fond spiċċa jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti minkejja li fir-realtà ma ġiex imħallas il-prezz stipulat fil-kuntratt relattiv;

«Illi mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li dan il-fond ġie kostruit minn missier l-attriċi appellata Carmelo Magro fuq porzjon mill-ġnien anness mad-dar tal-istess Carmelo Magro, fi żmien l-għerusija bejn l-attriċi appellata u l-konvenut appellant, a spejjeż unikament tal-istess Carmelo Magro, filwaqt li l-konvenut min-naħa tiegħu mhux talli ma kienx għen lil missier l-attriċi appellata, talli matul is-snin kisser kemm felaħ fil-fond kif jirriżulta mix-xiehda … … …»

6. Wara illi fissret illi t-tieni sular inbena matul iż-żwieġ, l-attriċi iċċitat mix-xiehda tagħha fejn qalet hekk:

«Id-dar li kien bnieli missieri kienet isfel biss, u meta kelna t-tifel missieri offra li jekk nixtru kollox aħna, hu kien jibnilna b'xejn. Aħna flus ma kelniex u għalhekk issellift elfejn lira Maltin (Lm2,000) biex ikolli biex nibni. Dan id-dejn ħallastu lura kollu minn tiegħi, għax il-ħmistax-il lira (Lm15) fil-gimgħa li kien itini Godwin lanqas biss kienu jservu għall-ħajja; allura dan id-dejn u ħafna spejjeż oħra familjari kont inħallashom mill-paga tiegħi.»

7. L-ewwel parti tal-aggravju safejn jolqot id-dar matrimonjali essenzjalment irid jgħid illi l-kuntratt tax-xiri tad-dar matrimonjali kien donazzjoni simulata. Billi iżda ma hemm ebda talba għal dikjarazzjoni ta' simulazzjoni l-qorti jkollha toqgħod fuq il-kuntratt kif inhu, *i.e.*kuntrat ta' bejgħ. Għal din ir-raġuni, t-talba tal-attriċi sabiex id-dar matrimonjali tiġi assenjata kollha lilha fuq il-premessa illi l-bejgħ minn missierha kien donazzjoni ma tistax tintlaqa'.

8. Safejn iżda t-talba tal-attriċi hija mibnija fuq il-premessa illi kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artt. 48 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili, it-talba hija ġustifikata. Effettivament l-ewwel qorti, għalkemm laqgħet il-ħames talba tal-attriċi u iddikjarat id-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijet tal-liġi,

għaddiet biex qasmet il-komunjoni tal-akkwisti bħallikieku l-ħames talba ma ntlaqgħetx għax il-komunjoni qasmitha f'ishma ndaqs.

9. Id-dispożizzjoni relevanti hija dik tal-art. 48(1)(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili:

« **48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 [adulterju] u 41 [abbandun] titlef –

«… … …

« (*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. … … … »

10. Ix-xiehda turi illi kien bil-ħidma, bil-ħila u bil-għaqal tal-attriċi illi l-partijiet setgħu kisbu d-dar matrimonjali u jagħmlu benefikati fiha. Il-konvenut għamel żmienijiet twal ma jaħdimx u, meta kien jaħdem, il-kontribut tiegħu għall-finanzi tal-familja kien minimu. Ix-xiehda turi wkoll illi r-raġunijiet li wasslu għall-firda bi ħtija tal-konvenut kienu jseħħu sa mill-bidu taż-żwieġ u għalhekk għandha tkun din id-data effettiva għall-għanijiet tal-art. 48(1)(*ċ*). Fil-fatt is-sentenza appellata wkoll tgħid illi "l-konvenut ta lok għas-separazzjoni bl-atteġġjament tiegħu tul is-snin kollha li l-partijiet ilhom miżżewġin".

11. It-talba tal-attriċi illi d-dar matrimonjali għandha tiġi assenjata kollha lilha għandha għalhekk tintlaqa'.

12. Ma huwiex il-każ illi l-qorti tqis jekk l-istess dekadenza għandhiex tolqot ukoll l-art miksuba bil-kuntratt tas-26 ta' Awissu 1998 billi fit-talba għar-riforma tas-sentenza appellata ma hemmx talba relativa għal din l-art.

13. L-attriċi qiegħda titlob ukoll riforma f'dik il-parti tas-sentenza li trid illi l-kontijiet bankarji f'isem xi waħda jew oħra mill-partijiet jew f'isem it-tnejn flimkien jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. L-attriċi trid illi dawk il-kontijiet li huma f'isimha jiġu assenjati kollha lilha.

14. Għalkemm huwa minnu illi fl-atti ma hemmx xiehda dwar dawn il-kontijiet, din il-qorti temmen illi, meta tqis kemm kien xħiħ il-konvenut fil-flus li kien jagħti lil martu, xejn ma huwa probabbli illi kien sejjer minjeddu jiddepożita flus f'kontijiet f'isimha. Għalhekk il-probabilità hija illi jekk hemm flus f'isem l-attriċi dawn saru bil-ħidma

tagħha u għalhekk għandhom jintlaqtu bl-art. 48(1)(*ċ*) msemmi fuq.

15. Din it-talba tal-attriċi għalhekk għandha tintlaqa'.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-ewwel ħames kapi tagħha u tibdel is-sitt kap billi tordna illi d-dar matrimonjali tiġi assenjata kollha kemm hi lill-attriċi u illi l-kontijiet fuq isem l-attriċi f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra jiġu wkoll assenjati kollha lill-attriċi, u tikkonferma l-istess kap għall-bqija. Għall-għanijiet tal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali taħtar lin-Nutar Francesca Spiteri Maempel sabiex jirċievi u jippubblika l-kuntratt relativ nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar 2012 fl-10.00 *a.m.* fil-bini tal-Qrati Superjuri, u taħtar lill-Avukat Jonathan Spiteri bħala kuratur sabiex jidher f'isem il-konvenut jekk dan jonqos milli jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att.

17. L-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji u kemm dawk relativi għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, iħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------